Soċjetà Filarmonika Leone
100, Triq ir-Repubblika
Victoria, VCT1017
Għawdex, Malta

**Lill-Mezzi tax-Xandir**

**26 ta' Marzu, 2010**

**Kunċert ta' Mużika Sagra fil-Katidral ta' Għawdex.**

Nhar it-Tlieta, 30 ta' Marzu 2010, lejlet il-festa nazzjonali ta' Jum il-Ħelsien, hekk kif il-Knisja Kattolika tkun tinsab fil-Ġimgħa Mqaddsa, il-Banda Ċittadina Leone A.D.1863 tal-Belt Victoria se tippreżenta kunċert ta' mużika sagra fil-Katidral ta' Għawdex ġewwa ċ-Ċittadella. Il-banda tkun taħt id-direzzjoni tas-surmast Colin Attard.

B'taħlita ta' ġeneri u epoki differenti, il-Banda Leone se tippreżenta fost l-oħrajn żewġ marċi funebri ta' kompożituri Sqallin; *Ah! Si Versate Lagrime* ta' Eugenio Di Stefano, u *Croce e Martirio* ta' Giovanni Giumarra, li huwa eks-surmast ta' din l-istess banda. Mill-barokk tas-seklu 18, il-Banda Leone se tesegwixxi wkoll il-*Largo* ta' George Frideric Handel u l-*Adagio* ta' Tomaso Albinoni waqt li mir-Romantiċiżmu tas-seklu ta' wara, se jkunu ppreżentati l-moviment *Blessed Are They* minn *requiem* ta' Johannes Brahms, *Adagio for Clarinet* ta' Richard Wagner (solista: Joseph Debrincat), u *Intermezzo* mill-*Cavalleria Rusticana* ta' Pietro Mascagni.

Se jieħdu sehem ukoll il-korijiet residenti tal-Katidral ta' Għawdex; il-*Chorus Ecclesiae Cathedralis* (direttur: Colin Attard) u l-*Cathedral Youth Choir* (direttur: Matthew Sultana) li se jkantaw korali u motetti sagri rispettivament. Il-korijiet imbagħad jingħaqdu biex ikantaw flimkien mal-banda l-innu funebri tal-1911 *La Croce* ta' Orlando Crescimanno.

Il-mużika sagra hija sezzjoni importanti u ferm interessanti fl-arkivji mużikali tal-Banda Leone. Parti kbira ta' din is-sezzjoni tikkonsisti f'marċi funebri li l-Banda Leone ddoqq fil-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira iżda matul iż-żminijiet, il-Banda kompliet iżżid fl-arkivji tagħha, għadd sabiħ ta' siltiet sagri popolari. Il-Programm ta' Mużika Sagra fil-Katidral għandu jkun okkażjoni sabiħa għal dawk kollha li jżuru lil Għawdex għall-btajjel tal-Għid. Il-kunċert jibda fit-8pm u l-pubbliku huwa ġentilment mitlub isib postu għaxar minuti qabel jibda l-programm. Id-dħul huwa b'xejn.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb minn fuq is-sit uffiċjali: www.leone.org.mt, b'email: info@leone.org.mt jew bit-telefon: 21562974.

Leone Philharmonic Society
100, Republic Street
Victoria, VCT1017
Gozo, Malta

**For Immediate Release**

**26th March, 2010**

**A Concert of Sacred Music at the Gozo Cathedral.**

The Gozo Cathedral Church, within the Gozo Citadel, shall be the venue of a concert of Sacred Music given by the Leone Band A.D.1863 of Victoria Gozo, on Tuesday 30th March 2010, eve of a National Holiday. The Leone Band shall be under the baton of conductor Colin Attard.

With a fair balance between different genres and musical periods, the Leone Band shall perform two funerary marches by Sicilian composers: *Ah! Si Versate Lagrime* (Oh! Yes, shed tears) by Eugenio Di Stefano, and *Croce e Martirio* (Cross and Martyrdom) by Giovanni Giumarra, former conductor of this said band. The 18th century Baroque period shall be represented by Handel's *Largo* and Albinoni's *Adagio* while the subsequent Romantic period shall present the *Blessed Are They* movement from Brahms' requiem, an *Adagio for Clarinet* by Wagner (solo clarinet: Joseph Debrincat) and the *Intermezzo* from Mascagni's *Cavalleria Rusticana*.

The *Chorus Ecclesiae Cathedralis* and the *Cathedral Youth Choir*, as resident choirs of the Cathedral church shall also perform chorales and sacred motets respectively. They will then join the Leone Band to sing the funerary march *La Croce* – an ode to the Holy Cross composed by Orlando Crescimanno in 1911.

Sacred Music is one interesting and equally important section in the musical archives of the Leone Band. A great share of this section consists of funerary marches, which the band plays during the Good Friday processions. However, throughout its nearly century and half of existence, the band has continued to accumulate more and more sacred music. The concert of sacred music at the Cathedral Church should be an interesting event for those visiting Gozo for their Easter Holidays. The concert kicks off at 8pm and the general public is cordially asked to be seated ten minutes prior to the commencement of the programme. Entrance is free.

Further information can be obtained online: www.leone.org.mt, via email: info@leone.org.mt, or via telephone: 21562974.